**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU: 2707**

**Kaz Numru: 3649/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn:**

**Carolina Fabra Rando**
**(Passaport Spanjol bin-Numru PAA211585) (debitament rrapprezentata minn mandatarju taghha Dr. Michael Muscat KI 577691M)**

**u**

**Jet Magic Air Personnel Limited et u li digriet datat 12 ta' Novembru, 2018 il-kawza ghandha titkompla biss kontra Jet Magic Air Personnel Limited**

*dwar : tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta u allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju*

**Illum it-Tnejn 8 ta' Frar, 2021**

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

Dan il-kaz beda wara dikjarazzjoni sottomessa mir-rikorrenti fit-8 ta' Gunju 2018 tramite Dr Michael Muscat fejn ir-rikorrenti allegat li giet diskriminata u li tkecciet ingustament minhabba l-fatt li nqabdet tqila u ma tawhiex xoghol alternattiv adegwat.

Is-socjeta' ntimata ddikjarat illi ma kienx hemm tkeccija imma li r-rikorrenti kienet telqet mill-impjieg taghha wara offrewlha xoghol alternattiv gewwa Malta u hi ma accettatx u rrizenjat.

**Provi**

Xehdet Caroline Fabra Rando fejn qalet bil-gurament li kellha mpjieg bhala Senior Flight Attendant mal-kumpanija fejn kienet ilha erba' snin impjegata. Infurmathom li kienet tqila u hi kienet toqghod gewwa Barcelona. Hi kienet tivjagga minn Franza fejn kien sorgut l-ajruplan.

Ghal habta ta' Jannar 2008 infurmat il-kumpanija li kienet tqila. Is-socjeta' ntimata offritilha xoghol alternattiv gewwa Malta u x-xhud semmiet li kien hemm impjegata ohra li harget tqila fejn ftehmu li tiehu unpaid leave wara tiehu paid pregnancy leave u wara kellha terga tibda xoghol. Ir-rikorrenti saqsiet jekk tista tahdem minn Barcelona stante li kienet tahdem bhala Flight Dispatcher minn darha u ghalhekk kellha l-esperjenza. Wara dewmien infurmawha li kellha tigi Malta biex tahdem. Bhala fatt hallsulha t-tickets biex giet Malta. Weghduha li ser tahdem bhala Flight Dispatcher pero' meta giet Malta infurmawha li ser tahdem fl-audit. Gewwa Malta nformawha li hi kellha thallas ghall-akkomodazzjoni. Hallsulha l-hotel ta' gimgha gewwa Malta u r-rikorrenti telqet lura Spanja ghax ma setghetx thallas ghall-appartament gewwa Malta.

Xehdet Caroline Loesner fejn qalet li hija l-Personnel Director u l-ewwel policy meta mara tkun tqila li tieqaf milli ttir. Din il-policy hija l-istess mal-kumpaniji tal-ajru mad-dinja kollha meta jkun hekk il-kaz nippretendu li ntuha xoghol alternattiv gewwa Malta. Qatt ma thallas ghall-impjegati maltin, ma thallsilhomx l-appartament, l-ikel, u l-flights sabiex jaraw lit-tabib.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din il-kawza si tratta principalment ta' mpjegata li harget tqila u trid xoghol alternattiv. Il-problema hija kbira minhabba l-fatt li l-bazi tas-socjeta' ntimata hija Malta waqt li r-rikorrenti tirrisjedi gewwa Spanja.

Ovvjament il-problema tikber.

Il-principal ammetta li l-impjegata offrewlha li tigi tahdem Malta bhal xoghol alternattiv waqt li l-impjegata nsistiet li setghet issib xoghol mid-dar taghha gewwa Spanja.

It-Tribunal jaf li din il-kawza hija kawza sensittiva pero' qieghed jiddeciedi s-segwenti.

Il-bazi tal-kumpanija ntimata hija Malta u jidher illi l-operazzjonijiet huwa gewwa Malta u t-Tribunal mhuwiex konvint li hemm bizzejjed xoghol li r-rikorrenti tista tahdem gewwa Spanja minhabba l-fatt li l-flights mhumiex daqshekk frekwenti. Ukoll minn Malta tista tahdem mal-operaturi l-ohrajn u tahdem minn gewwa Malta. Mhuwiex gustifikat li titlob ghal xi allowance tal-flat jew tal-flights jew tal-ikel. Ukoll it-Tribunal ma jarax li hemm kaz ta' diskriminazzjoni ghax ma kienx hemm haddiema ohra li gew offruti xi privileggi jew li gew offruti xi kundizzjonijiet ahjar minn dawk offruti lir-rikorrenti. Illi minkejja li giet Malta biex tahdem wara ftit jiem telqet lura lejn Spanja.

**Decizjoni**

It-Tribunal wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti, u sema' t-trattazzjoni tal-partijiet, jiddeciedi billi r-rikorrenti ma ppruvatx l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u ta' tkeccija ngusta u b'hekk tintemm il-kawza bl-ispejjes jigi sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Avv. Martin Fenech
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju